A.L. 42 ta' l-2008

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-Titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona.

Interpretazzjoni.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"It-Trattat Speċifikat" tfisser it-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li kien iffirmat Lisbona fit-13 ta' Diċembru, 2007;

"It-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att.

It-Trattat Speċifikat għandu jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat.

3. Għall-iskopijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att huwa b'dan iddikjarat illi t-Trattat Speċifikat għandu jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat malli t-Trattat Speċifikat jidħol fis-seħħ bejn il-pajjiżi kollha firmatarji tiegħu, kif provdut fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tat-Trattat Speċifikat.